ISSN 1725-5104

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 197

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 54

29 ta' Lulju 2011

Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*

REGOLAMENTI

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 743/2011 tas-26 ta' Lulju 2011 li jistabbilixxi projbizzjoni tas-sajd għall-petriċi fiż-żoni VIIIc, IX u X; l-ilmijiet tal-UE ta' CECAF 34.1.1 min-naħa ta' bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Portugall** ..... 1

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 744/2011 tat-28 ta' Lulju 2011 li jdaħħal isem fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Karlovarské oplatky (IĠP)]** ..... 3

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 745/2011 tat-28 ta' Lulju 2011 li jdaħħal isem fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Karlovarské trojhránky (IĠP)]** ..... 5

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 746/2011 tat-28 ta' Lulju 2011 li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex ..... 8

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 747/2011 tat-28 ta' Lulju 2011 dwar id-dazju doganali minimu li għandu jiġi stabbilit bi tweġiba għall-tieni stedina parzjali għall-offerti fil-qafas tal-proċeduri tal-offerti miftuħin bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 634/2011 ..... 10

**Prezz: EUR 3**

*(Ikompli fil-paġna ta' wara)*

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

DEĊIŻJONIJIET

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/478/PESK tat-28 ta’ Lulju 2011 li testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea fil-Kosovo** ..... 12

2011/479/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-27 ta’ Lulju 2011 dwar ir-rekwiżiti ta’ sikurezza li għandhom jintlaħqu mill-istandards Ewropej għal tagħmir tal-ġinnastika skont id-Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** ([1]) ..... 13

2011/480/UE:

★ **Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tat-28 ta’ Lulju 2011 dwar il-lista ta’ dejta statistika li tikkonċerna l-istruttura u r-rati ta’ dazju tas-sisa applikati fuq it-tabakk manifatturat li għandha tiġi pprovduta mill-Istati Membri skont id-Direttivi tal-Kunsill 92/79/KEE u 92/80/KEE** *(notifikata bid-dokument numru C(2011) 5291)* ..... 17

2011/481/UE:

★ **Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tat-28 ta’ Lulju 2011 li teżenta l-esplorazzjoni għaż-żejt u għall-gass u l-isfruttament taż-żejt fid-Danimarka, ħlief għall-Groenlandja u għall-Gżejjer Faeroe, mill-applikazzjoni tad-Direttiva 2004/17/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tikkoordina l-proċeduri ta’ akkwisti ta’ entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali** *(notifikata bid-dokument numru C(2011) 5312)* ([1]) ..... 20

2011/482/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-28 ta’ Lulju 2011 dwar il-pubblikazzjoni ta’ referenzi tal-istandard EN 15947 rigward ir-rekwiżiti essenzjali tas-sikurezza stabbiliti fid-Direttiva 2007/23/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar oġġetti pirotekniċi** *(notifikata bid-dokument numru C(2011) 5310)* ([1]) ..... 23

MT

([1]) Test b’relevanza għaż-ŻEE

II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 743/2011

## tas-26 ta' Lulju 2011

## li jistabbilixxi projbizzjoni tas-sajd għall-petriċi fiż-żoni VIIIc, IX u X; l-ilmijiet tal-UE ta' CECAF 34.1.1 min-naħa ta' bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Portugall

Il-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 36(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 57/2011 tat-18 ta' Jannar 2011 li jiffissa għall-2011 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-UE u, għal bastimenti tal-UE, f'ċerti ilmijiet mhux tal-UE ([2]), jistabbilixxi kwoti għall-2011.

(2) Mill-informazzjoni li waslet għand il-Kummissjoni, jirriżulta li l-qabdiet li saru mill-istokk imsemmi fl-Anness għal dan ir-Regolament minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru msemmi hemmhekk jew irreġistrati fih eżawrew il-kwota allokata lilhom għall-2011.

(3) Għalhekk, jeħtieġ li l-attivitajiet tas-sajd għal dak l-istokk jiġu pprojbiti,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Eżawriment tal-kwota**

Il-kwota tas-sajd tal-2011 għall-istokk imsemmi fl-Anness għal dan ir-Regolament u allokata lill-Istat Membru msemmi fih għandha titqies bħala eżawrita mid-data stipulata f'dak l-Anness.

*Artikolu 2*

**Projbizzjonijiet**

L-attivitajiet tas-sajd għall-istokk imsemmi fl-Anness għal dan ir-Regolament minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru msemmi fl-Anness jew irreġistrati fih għandhom jiġu pprojbiti mid-data stipulata f'dak l-Anness. B'mod partikolari, għandu jkun ipprojbit li jinżamm abbord, jiġi ttrażbordat, ittrasportat, jew jinħatt l-art, ħut minn dak l-istokk li jinqabad minn dawk il-bastimenti wara dik id-data.

*Artikolu 3*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Lulju 2011.

*Għall-Kummissjoni,*
*f'isem il-President,*
Lowri EVANS
*Direttur Ġenerali għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd*

---

([1]) ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.
([2]) ĠU L 24, 27.01.2011, p. 1.

*ANNESS*

| | |
|---|---|
| Nru | 22/T&Q |
| Stat Membru | Il-Portugall |
| Stokk | ANF/8C3411 |
| Speċi | Petriċi (*Lophiidae*) |
| Żona | VIIIc, IX u X l-ilmijiet tal-UE ta' CECAF 34.1.1 |
| Data | 10.6.2011 |

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 744/2011

## tat-28 ta' Lulju 2011

## li jdaħħal isem fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Karlovarské oplatky (IĠP)]

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 tal-20 ta' Marzu 2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-oriġini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel ([1]), u partikolarment it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 7(5) tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 6(2) u f'konformità mal-Artikolu 17(2) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006, l-applikazzjoni tal-20 ta' Ottubru 2004 mir-Repubblika Ċeka għar-reġistrazzjoni tal-isem "Karlovarské oplatky", ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([2]).

(2) Il-Ġermanja u l-Awstrija ressqu l-oġġezzjonijiet għar-reġistrazzjoni skont l-Artikolu 7(1) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006. Dawn l-oġġezzjonijiet tqiesu ammissibbli abbażi tal-punti (a), (b), (c) u (d) tal-ewwel subparagrafu, tal-Artikolu 7(3) ta' dak ir-Regolament.

(3) Bl-ittri tal-21 ta' Mejju 2008, il-Kummissjoni stiednet lill-Istati Membri konċernati jilħqu qbil bejniethom skont il-proċeduri interni tagħhom.

(4) Minħabba li ma ntlaħaq l-ebda qbil la bejn ir-Repubblika Ċeka u l-Awstrija u lanqas bejn ir-Repubblika Ċeka u l-Ġermanja fiż-żmien stipulat, il-Kummissjoni għandha tadotta deċiżjoni f'konformità mal-proċedura stipulata fl-Artikolu 15(2) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006.

(5) Rigward l-allegat nuqqas ta' konformità mal-Artikolu 2 dwar id-delimitazzjoni taż-żona ġeografika u l-produzzjoni fiha, l-użu u l-karatteristiċi tal-ilma termali tan-nixxiegħa, u l-apparenza ta' disinn grafiku fuq il-wejfers, l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli pprovdew konferma li dawn l-elementi kienu korretti u barra minn hekk ma ġie identifikat ebda żball evidenti. L-awtoritajiet nazzjonali pprovdew aktar evidenza biex juru li l-isem "Karlovarské oplatky" kien użat fis-sens tal-Artikolu 2(1) il-punt (b) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006 u ġie propost mill-grupp tal-produtturi identifikat.

(6) Instab li t-termini "Karlsbader Oblaten" u "Karlovarské oplatky" huma traduzzjonijiet ta' xulxin fil-lingwa Ġermaniża u dik Ċeka rispettivament. Id-dikjarazzjonijiet ta' oġġezzjoni mill-Ġermanja wrew li marki kummerċjali li jinkludu t-terminu "Karlsbader Oblaten" kienu ġew irreġistrati qabel l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tat-terminu "Karlovarské oplatky" bħala indikazzjoni ġeografika protetta. Ġiet ipprovduta xi evidenza biex turi li f'każ ieħor, isem seta' kiseb l-istatus ta' marka kummerċjali minħabba l-użu. Ġiet ipprovduta aktar evidenza biex turi li l-konsumaturi fil-Ġermanja assoċjaw l-isem "Karlsbader Oblaten" ma' tip ta' gallettina partikolari. Madankollu, ma ġiet ipprovduta l-ebda evidenza fid-dikjarazzjonijiet ta' oġġezzjoni li l-konsumaturi jassoċjaw il-wejfers mal-marki kummerċjali kollha jew uħud minnhom bħala distinti mit-terminu ta' deskrizzjoni "Karlsbader Oblaten", l-anqas li l-konsumaturi hemm ċans li jesperjenzaw qerq dwar l-indentità vera tal-prodott imqiegħed fis-suq taħt l-isem "Karlovarské oplatky". Għalhekk, il-Kummissjoni ma tistax tikkonkludi li r-reġistrazzjoni tal-isem "Karlovarské oplatky" ikun f'konflitt mal-Artikolu 3(4) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006.

(7) Minħabba li parti sostanzjali tal-ismijiet "Karlsbader Oblaten" u "Karlovarské oplatky" hija identika, huwa raġonevoli li jiġi konkluż li l-ismijiet huma parzjalment identiċi għall-iskopijiet tal-punt (c) tal-Artikolu 7(3) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006. Barra minn hekk, bħala traduzzjoni ta' xulxin, u minħabba s-similaritajiet fonetiċi tal-kliem u d-dehra taż-żewġ prodotti u l-oriġini komuni tagħhom, l-applikazzjoni għall-protezzjoni prevista fl-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 510/2006, b'mod partikolari il-punt (b) tal-paragrafu (1) tiegħu, tista' twassal għal każ fejn jekk l-"Karlovarské oplatky" jekk jiġi rreġistrat, dan jista' jinstab prottett kontra l-użu tal-isem ta' "Karlsbader Oblaten" fuq il-wejfers konċernati minn qorti kompetenti. Għalhekk l-evidenza turi li l-kontinwità tal-eżistenza tal-isem "Karlsbader Oblaten", tista' tiġi pperikolata bir-reġistrazzjoni tal-"Karlovarské oplatky" fi ħdan it-tifsira tal-punt (c) tal-Artikolu 7(3) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006.

(8) Id-dikjarazzjonijiet tal-oġġezzjoni ġew iddikjarati ammissibli fuq il-bażi *inter alia*, li r-reġistrazzjoni tal-isem propost tista' tipperikola l-eżistenza ta' isem parzjalment identiku, jiġifieri "Karlsbader Oblaten", f'każijiet fejn dan l-isem jintuża għall-prodott u ma jkunx protett taħt il-leġiżlazzjoni tal-marka kummerċjali. L-evidenza turi wkoll li l-isem "Karlsbader Oblaten" oriġina mill-produtturi tal-belt li qabel kienet magħrufa bħala Karlsbad u li l-produzzjoni tal-gallettina hekk msemmija kompliet għall-perjodu konsiderevoli ta' żmien. Barra minn hekk, l-evidenza turi wkoll li l-użijiet tal-isem "Karlsbader Oblaten" jirreferu għall-prodott awtentiku u tradizzjonali li għandu oriġini komuni mal-"Karlovarské trojhránky", imma ġeneralment ma kienx maħsub li jisfrutta

([1]) ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12.

([2]) ĠU C 85, 19.4.2007, p. 6.

r-reputazzjoni tal-aħħar isem. Għal dawn ir-raġunijiet, u f'interessi tal-ġustizzja u tal-użu tradizzjonali, għandu jiġi previst il-perjodu tranżizzjonali massimu stabbilit mill-Artikolu 13(3) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006.

(9) Rigward il-marki kummerċjali li fihom it-terminu "Karlsbader Oblaten" li kienu ġew protetti bir-reġistrazzjoni jew ġew miksuba bl-użu qabel l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tal-"Karlovarské oplatky", jekk ma jiġux issodisfati l-kundizzjonijiet tal-Artikolu 14(1) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006, il-marki kummerċjali msemmija la jistgħu jiġu invalidati u lanqas ma tista' titwaqqaf it-tkomplija tal-użu tagħhom minħabba r-reġistrazzjoni tal-"Karlovarské oplatky" bħala indikazzjoni ġeografika protetta, sakemm ir-rekwiżiti ġenerali skont il-leġiżlazzjoni tal-marka kummerċjali ma jintlaħqux mod ieħor.

(10) Rigward tal-istatus ġeneriku, l-evidenza pprovduta fid-dikjarazzjonijiet ta' oġġezzjoni tirreferi għall-allegat użu ġenerali tat-terminu "Karlsbader Oblaten" fil-Ġermanja u l-Awstrija, u mhux għall-"Karlovarské oplatky". Filwaqt li l-oġġezzjonijiet ipprovdew evidenza sabiex juru li għadd ta' użijiet bħala termini ta' deskrizzjoni ġenerali inkluż "Karlsbader Oblaten" imsemmi mill-Ġermanja, ma ġiet ipprovduta l-ebda evidenza li l-isem "Karlovarské oplatky" huwa użat biex jinnomina kategorija ta' prodotti li ma joriġinawx fir-reġjun ta' Karlovy Vary. L-isem "Karlovarské oplatky" kien protett bħala indikazzjoni ġeografika fl-1967 fir-Repubblika Ċeka. L-oġġezzjoni ma tikkunsidrax is-sitwazzjoni fir-Repubblika Ċeka. Għalhekk, abbażi tal-informazzjoni pprovduta l-isem "Karlovarské oplatky" ma jistax jiġi kkunsidrat bħala ġeneriku u ma hemm l-ebda nuqqas ta' konformità mal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006.

(11) Fid-dawl ta' dak imsemmi hawn fuq, l-isem "Karlovarské oplatky" għandu jiddaħħal fir-Reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti soġġett għall-perjodu ta' tranżizzjoni ta' ħames snin li matulhom it-terminu "Karlsbader Oblaten" jista' jibqa' jintuża f'ċirkostanzi li, dan il-perjodu ta' tranżizzjoni, jistgħu jkunu bil-kontra tal-protezzjoni provduta fl-Artikolu 13(1) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006.

(12) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi Protetti u d-Denominazzjonijiet Protetti tal-Oriġini,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Id-denominazzjoni msemmija fl-Anness għal dan ir-Regolament għandha tiġi rreġistrata.

*Artikolu 2*

1. It-terminu "Karlsbader Oblaten" jista' jintuża sabiex jiġu nnominati wejfers li ma jikkonformawx mal-ispeċifikazzjoni tal-"Karlovarské oplatky" għal perjodu ta' ħames snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

2. Il-marki kummerċjali li fihom it-terminu "Karlsbader Oblaten" li kienu protetti permezz ta' reġistrazzjoni jew miksuba bl-użu qabel id-20 ta' Ottubru 2004, mhux se jiġu invalidati u lanqas ma hija se titwaqqaf il-kontinwità tal-użu tagħhom minħabba r-reġistrazzjoni ta' "Karlovarské oplatky" bħala indikazzjoni ġeografika protetta, sakemm ir-rekwiżiti ġenerali taħt il-leġiżlazzjoni tal-marka kummerċjali jiġu issodisfati mod ieħor.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Lulju 2011.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

*ANNESS*

Oġġetti tal-ikel imsemmija fl-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 510/2006:

**Klassi 2.4. Ħobż, għaġina, kejkijiet, oġġetti tal-ħelu, gallettini u oġġetti oħra tal-furnar**

IR-REPUBBLIKA ĊEKA

Karlovarské oplatky (IĠP)

# REGOLAMENT TA’ IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 745/2011

## tat-28 ta’ Lulju 2011

## li jdaħħal isem fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Karlovarské trojhránky (IĠP)]

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 tal-20 ta’ Marzu 2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-oriġini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel [1], u partikolarment it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 7(5) tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 6(2) u f’konformità mal-Artikolu 17(2) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006, l-applikazzjoni mressqa fid-19 ta’ Ottubru 2004 mir-Repubblika Ċeka għar-reġistrazzjoni tal-isem “Karlovarské trojhránky” ġiet ippubblikata f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* [2].

(2) Il-Ġermanja u l-Awstrija ressqu l-oġġezzjonijiet tagħhom kontra r-reġistrazzjoni skont l-Artikolu 7(1) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006. Dawn l-oġġezzjonijiet tqiesu eliġibbli skont il-punti (a), (b), (c) u (d) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 7(3) ta’ dak ir-Regolament.

(3) Bl-ittri tas-6 ta’ Mejju 2008, il-Kummissjoni stiednet lill-Istati Membri konċernati jilħqu qbil bejniethom skont il-proċeduri interni tagħhom.

(4) Minħabba li ma ntlaħaq l-ebda qbil la bejn ir-Repubblika Ċeka u l-Awstrija u lanqas bejn ir-Repubblika Ċeka u l-Ġermanja fiż-żmien stipulat, il-Kummissjoni jkollha tadotta deċiżjoni f’konformità mal-proċedura stipulata fl-Artikolu 15(2) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006.

(5) Rigward l-allegat nuqqas ta’ konformità mal-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 510/2006 fir-rigward ta’ assenza ta’ produzzjoni fiż-żona ġeografika u l-kwalità tar-reputazzjoni tiegħu, l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli kkonfermaw li l-produzzjoni seħħet fiż-żona ġeografika. Ir-rabta kienet ibbażata fuq il-kwalità speċifika tal-prodott attribwita għaż-żona ġeografika, primarjament l-ilma tan-nixxiegħa termali użat fil-produzzjoni, li kien suffiċjenti biex jissodisfa r-rekwiżiti tal-punt (b) tal-Artikolu 2(1); l-fatt jekk l-prodott kellux jew le reputazzjoni suffiċjenti biex jissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 2(1) kien immaterjali.

(6) Id-dikjarazzjonijiet ta’ oġġezzjoni mill-Ġermanja wrew li marki kummerċjali li jinkludu t-terminu “Karlsbader Oblaten” kienu ġew irreġistrati qabel l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tat-terminu “Karlovarské trojhránky” bħala indikazzjoni ġeografika protetta. Ġiet ipprovduta aktar evidenza biex turi li l-konsumaturi ġewwa l-Ġermanja jassoċjaw l-isem “Karlsbader Oblaten” ma’ tip ta’ gallettina partikolari. Madankollu, ma ġiet provduta l-ebda evidenza fid-dikjarazzjonijiet ta’ oġġezzjoni li l-konsumaturi assoċjaw bis-sħiħ il-gallettini mal-marki kummerċjali kollha jew ma’ uħud minnhom bħala distinti mit-terminu ta’ deskrizzjoni “Karlsbader Oblaten” u lanqas li l-konsumaturi jistgħu jiġu mqarrqa dwar l-indentità vera tal-prodott kummerċjalizzat bl-isem “Karlovarské trojhránky”. Għalhekk, il-Kummissjoni ma tistax tikkonkludi li r-reġistrazzjoni tal-isem “Karlovarské trojhránky” tista’ tkun f’konflitt mal-Artikolu 3(4) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006.

(7) Minħabba li parti sostanzjali tal-ismijiet “Karlsbader Oblaten” u “Karlovarské trojhránky” hija identika, huwa raġonevoli li jiġi konkluż li l-ismijiet huma parzjalment identiċi għall-iskopijiet tal-punt (c) tal-Artikolu 7(3) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006. Barra minn hekk, minħabba s-similaritajiet fil-prodotti u l-oriġini komuni tagħhom, l-applikazzjoni għall-protezzjoni prevista fl-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 510/2006, b’mod partikolari il-punt (b) tal-paragrafu (1) tiegħu, tista’ tirriżulta li l-“Karlovarské trojhránky” jekk jiġi rreġistrat, dan jista’ jinstab prottett kontra l-użu tal-isem “Karlsbader Oblaten” fuq il-gallettini konċernati minn qorti kompetenti. Għalhekk l-evidenza turi li l-kontinwità tal-eżistenza tal-isem “Karlsbader Oblaten”, tista’ tiġi pperikolata bir-reġistrazzjoni tal-“Karlovarské trojhránky”, fi ħdan it-tifsira tal-punt (c) tal-Artikolu 7(3) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006.

(8) Id-dikjarazzjonijiet tal-oġġezzjoni ġew iddikjarati ammissibli fuq il-bażi *inter alia*, li r-reġistrazzjoni tal-isem propost tkun tista’ tipperikola l-eżistenza ta’ isem parzjalment identiku, jiġifieri “Karlsbader Oblaten”, f’każijiet fejn dan l-isem jintuża fuq prodott u ma jkunx protett taħt il-leġiżlazzjoni tal-marka kummerċjali. L-evidenza turi wkoll li l-isem “Karlsbader Oblaten” oriġina mill-produtturi tal-belt li qabel kienet magħrufa bħala Karlsbad u li l-produzzjoni tal-galletina hekk imsemmija tkompliet għall-perjodu konsiderevoli ta’ żmien. Barra minn hekk, l-evidenza turi li l-użijiet tal-isem “Karlsbader Oblaten” jirreferu għall-prodott awtentiku u tradizzjonali li ma kienx qiegħed jisfrutta r-reputazzjoni tal-“Karlovarské trojhránky”. Għal dawn ir-raġunijiet għandu jiġi previst il-perjodu tranżizzjonali massimu stabbilit mill-Artikolu 13(3) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006.

[1] ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12.
[2] ĠU C 206, 5.9.2007, p. 29.

(9) Rigward il-marki kummerċjali li fihom it-terminu "Karlsbader Oblaten" li kienu ġew protetti bir-reġistrazzjoni jew ġew miksuba bl-użu qabel l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tal-"Karlovarské trojhránky", jekk ma jiġux issodisfati l-kundizzjonijiet tal-Artikolu 14(1), il-marki kummerċjali msemmija la jistgħu jiġu invalidati u lanqas ma tista' titwaqqaf it-tkomplija tal-użu tagħhom minħabba r-reġistrazzjoni tal-"Karlovarské trojhránky" bħala indikazzjoni ġeografika protetta sakemm ir-rekwiżiti ġenerali taħt il-leġiżlazzjoni tal-marka kummerċjali jiġu ssodisfati mod ieħor.

(10) Rigward tal-istatus ġeneriku, l-evidenza pprovduta fid-dikjarazzjonijiet ta' oġġezzjoni kienet tirreferi għall-użu ġenerali tat-terminu "Karlsbader Oblaten" u mhux għal "Karlovarské trojhránky". Filwaqt li l-oġġezzjonijiet ipprovdew evidenza sabiex juru li jeżistu għadd ta' użijiet bħala termini ta' deskrizzjoni ġenerali inkluż "Karlsbader Oblaten" imsemmi mill-Ġermanja, ma ġiet ipprovduta l-ebda evidenza li l-isem "Karlovarské trojhránky" huwa użat biex jinnomina kategorija ta' prodotti li ma joriġinawx fir-reġjun ta' Karlovy Vary. L-oġġezzjoni ma tikkunsidrax is-sitwazzjoni fir-Repubblika Ċeka. Għalhekk, abbażi tal-informazzjoni pprovduta l-isem "Karlovarské trojhránky" ma jistax jiġi kkunsidrat bħala ġeneriku u ma hemm l-ebda nuqqas ta' konformità mal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006.

(11) Fid-dawl ta' dak imsemmi hawn fuq, l-isem "Karlovarské trojhránky" għandu jiddaħħal fir-Reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti soġġett għall perjodu tranżitorju ta' ħames snin li matulhom it-terminu "Karlsbader Oblaten" jista' jibqa' jintuża f' ċirkostanzi li, fin–nuqqas ta' dan il-perjodu ta' tranżizzjoni, jistgħu jmorru kontra l-protezzjoni pprovduta fl-Artikolu 13(1) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006.

(12) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti għall-Indikazzjonijiet Ġeografiċi Protetti u d-Denominazzjonijiet Protetti tal-Oriġini,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Id-denominazzjoni msemmija fl-Anness għal dan ir-Regolament għandha tiġi rreġistrata.

*Artikolu 2*

1. It-terminu "Karlsbader Oblaten" jista' jintuża sabiex jiġu nnominati gallettini li ma jikkonformawx mal-ispeċifikazzjoni tal-"Karlovarské trojhránky" għal perjodu ta' ħames snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

2. Il-marki kummerċjali li fihom it-terminu "Karlsbader Oblaten" li kienu protetti permezz ta' reġistrazzjoni jew miksuba bl-użu qabel id-19 ta' Ottubru 2004, mhux se jiġu invalidati u lanqas ma hija se titwaqqaf il-kontinwità tal-użu tagħhom minħabba r-reġistrazzjoni ta' "Karlovarské trojhránky" bħala indikazzjoni ġeografika protetta, sakemm ir-rekwiżiti ġenerali taħt il-leġiżlazzjoni tal-marka kummerċjali jiġu ssodisfati mod ieħor.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Lulju 2011.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

*ANNESS*

Oġġetti tal-ikel imsemmija fl-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 510/2006:

**Klassi 2.4. Ħobż, għaġina, kejkijiet, oġġetti tal-ħelu, gallettini u oġġetti oħra tal-furnar**

IR-REPUBBLIKA ĊEKA

Karlovarské trojhránky (IĠP)

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 746/2011

## tat-28 ta' Lulju 2011

## li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jippreskrivi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tas-setturi tal-frott u l-ħxejjex u tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 136(1) tiegħu,

Billi:

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 jistipula, skont ir-riżultat tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-ċiklu tal-Urugwaj, il-kriterji li bihom il-Kummissjoni tiffissa l-valuri standard għall-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi stipulati fl-Anness XVI, il-Parti A tiegħu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri standard tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 136 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-29 ta' Lulju 2011.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Lulju 2011.

*Għall-Kummissjoni,*
*f'isem il-President,*
José Manuel SILVA RODRÍGUEZ
*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

---

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 157, 15.6.2011, p. 1.

*ANNESS*

**il-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix**

*(EUR/100 kg)*

| Kodiċi NM | Kodiċi tal-pajjiż terz ([1]) | Valur fiss tal-importazzjoni |
|---|---|---|
| 0702 00 00 | AR | 23,8 |
| | ZZ | 23,8 |
| 0707 00 05 | TR | 98,9 |
| | ZZ | 98,9 |
| 0709 90 70 | TR | 108,5 |
| | ZZ | 108,5 |
| 0805 50 10 | AR | 61,9 |
| | CL | 79,0 |
| | TR | 60,0 |
| | UY | 70,8 |
| | ZA | 84,4 |
| | ZZ | 71,2 |
| 0806 10 10 | CL | 54,3 |
| | EG | 147,3 |
| | MA | 161,2 |
| | TN | 223,5 |
| | TR | 175,1 |
| | ZA | 83,5 |
| | ZZ | 140,8 |
| 0808 10 80 | AR | 94,3 |
| | BR | 81,7 |
| | CL | 92,7 |
| | CN | 79,1 |
| | NZ | 110,7 |
| | US | 131,3 |
| | ZA | 93,2 |
| | ZZ | 97,6 |
| 0808 20 50 | AR | 79,6 |
| | CL | 109,2 |
| | CN | 75,8 |
| | NZ | 148,5 |
| | ZA | 108,7 |
| | ZZ | 104,4 |
| 0809 10 00 | TR | 174,4 |
| | XS | 83,4 |
| | ZZ | 128,9 |
| 0809 20 95 | CL | 267,8 |
| | TR | 286,4 |
| | ZZ | 277,1 |
| 0809 30 | TR | 181,0 |
| | ZZ | 181,0 |
| 0809 40 05 | BA | 48,0 |
| | EC | 64,7 |
| | XS | 57,7 |
| | ZA | 70,8 |
| | ZZ | 60,3 |

([1]) In-nomenklatura tal-pajjiżi ffissata mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "oriġini oħra".

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 747/2011

## tat-28 ta' Lulju 2011

## dwar id-dazju doganali minimu li għandu jiġi stabbilit bi tweġiba għall-tieni stedina parzjali għall-offerti fil-qafas tal-proċeduri tal-offerti miftuħin bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 634/2011

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]), u partikolarment l-Artikolu 187, flimkien mal-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 634/2011 ([2]) fetaħ sejħa permanenti għall-offerti għas-sena tas-suq 2010/2011 għall-importazzjonijiet taz-zokkor bil-kodiċi NM 1701 b'dazju doganali mnaqqas.

(2) Skont L-Artikolu 6 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 634/2011, fid-dawl tal-offerti riċevuti bi tweġiba għall-istedina parzjali għall-offerta, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi li jew tiffissa dazju doganali minimu jew li ma tiffissax dazju doganali minimu għal kodiċi NM bi tmien ċifri.

(3) Abbażi tal-offerti riċevuti għall-tieni stedina parzjali għall-offerta, għandu jiġi ffissat dazju doganali minimu għall-kodiċijiet kollha bi tmien ċifri għaz-zokkor li jaqa' taħt in-NM 1701 u ma għandu jiġi ffissat ebda dazju doganali minimu għall-kodiċijiet bi tmien ċifri l-oħra għaz-zokkor li jaqa' taħt il-kodiċi NM.

(4) Sabiex jingħata sinjal malajr lis-suq u biex tiġi żgurata ġestjoni effiċjenti tal-miżura, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(5) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Għall-tieni stedina parzjali għall-offerta fil-proċedura tal-offerti li nfetħet permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 634/2011, li għaliha l-limitu taż-żmien għat-tressiq tal-offerti skada fis-27 ta' Lulju 2011, ġie ffissat dazju doganali minimu jew ma ġie ffissat l-ebda dazju doganali, kif stabbilit fl-Anness għal dan ir-Regolament għall-kodiċijiet bi tmien ċifri għaz-zokkor li jaqa' taħt il-kodiċi NM 1701.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Lulju 2011.

*Għall-Kummissjoni,*
*f'isem il-President,*
José Manuel SILVA RODRÍGUEZ
*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

---

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 170, 30.6.2011, p. 21.

*ANNESS*

**Dazji doganali minimi**

*(EUR/tunnellata)*

| Il-kodiċi NM bi tmien ċifri | Dazji doganali minimi |
|---|---|
| 1 | 2 |
| 1701 11 10 | 151,05 |
| 1701 11 90 | 170,00 |
| 1701 12 10 | X |
| 1701 12 90 | X |
| 1701 91 00 | X |
| 1701 99 10 | 225,00 |
| 1701 99 90 | X |

(—) l-ebda dazju doganali minimu ffissat (l-offerti kollha ġew miċħuda)
(X) l-ebda offerta

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2011/478/PESK

**tat-28 ta' Lulju 2011**

**li testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea fil-Kosovo** [1]

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 28, 31(2) u 33 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fl-4 ta' Frar 2008, il-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2008/124/PESK dwar il-Missjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Istat tad-Dritt fil-Kosovo, EULEX KOSOVO [2] u l-Azzjoni Konġunta 2008/123/PESK [3] li taħtar lis-Sur Pieter FEITH bħala r-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea (RSUE) fil-Kosovo.

(2) Fil-5 ta' Mejju 2011, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2011/270/PESK [4] li taħtar lis-Sur Fernando GENTILINI bħala r-RSUE fil-Kosovo sal-31 ta' Lulju 2011.

(3) Il-mandat tar-RSUE għandu jiġi estiż sat-30 ta' Settembru 2011.

(4) Ir-RSUE ser jimplimenta l-mandat tiegħu fil-kuntest ta' sitwazzjoni li tista' tiddeterjora u li tista' tagħmel ħsara lill-objettivi tal-azzjoni esterni tal-Unjoni kif jidher fl-Artikolu 21 tat-Trattat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Id-Deċizjoni 2011/270/PESK hija b'dan emendata kif ġej:

(1) L-Artikolu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 1*

**Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea**

Is-Sur Fernando GENTILINI huwa b'dan maħtur bħala r-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea (RSUE) fil-Kosovo mill-1 ta' Mejju 2011 sal-31 ta' Settembru 2011. Il-mandat tar-RSUE jista' jintemm qabel, jekk il-Kunsill jiddeċiedi hekk, fuq proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (RGħ).".

(2) L-Artikolu 5(1) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub sabiex ikopri n-nefqa relatata mal-mandat tar-RSUE fil-perijodu mill-1 ta' Mejju 2011 sat-30 ta' Settembru 2011 għandu jkun ta' EUR 690 000.".

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Lulju 2011.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

M. DOWGIELEWICZ

---

[1] Skont ir-Riżoluzzjoni 1244 (1999) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti.

[2] ĠU L 42, 16.2.2008, p. 92.

[3] ĠU L 42, 16.2.2008, p. 88.

[4] ĠU L 119, 7.5.2011, p. 12.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tas-27 ta' Lulju 2011

## dwar ir-rekwiżiti ta' sikurezza li għandhom jintlaħqu mill-istandards Ewropej għal tagħmir tal-ġinnastika skont id-Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2011/479/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' Diċembru 2001 dwar is-sigurtà ġenerali tal-prodotti ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 4(1)(a) tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttiva 2001/95/KE tipprevedi l-istandards Ewropej li għandhom jiġu stabbiliti mill-korpi Ewropej ta' standardizzazzjoni. Standards bħal dawn għandhom jiżguraw li l-prodotti jissodisfaw ir-rekwiżit ta' sikurezza ġenerali ta' dik id-Direttiva.

(2) Skont id-Direttiva 2001/95/KE, prodott jitqies li jkun sikur meta jikkonforma mal-istandards nazzjonali volontarji li jittrasponu l-istandards Ewropej, li r-referenzi tagħhom ġew ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(3) L-Artikolu 4 tad-Direttiva 2001/95/KE jistabbilixxi l-proċedura għat-tfassil tal-istandards Ewropej. Skont dik il-proċedura, il-Kummissjoni trid tiddetermina r-rekwiżiti speċifiċi ta' sikurezza li l-istandards Ewropej għandhom jissodisfaw u, sussegwentement, fuq il-bażi ta' dawk ir-rekwiżiti, għandha tagħti mandati lill-korpi ta' standardizzazzjoni Ewropej biex ifasslu dawk l-istandards.

(4) Il-Kummissjoni għandha tippubblika r-referenzi għall-istandards Ewropej adottati b'dak il-mod f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Taħt it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2001/95/KE, ir-referenzi għall-istandards Ewropej li ġew adottati mill-korpi ta' standardizzazzjoni Ewropej qabel id-dħul fis-seħħ ta' dik id-Direttiva jistgħu jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* anki fin-nuqqas ta' mandat tal-Kummissjoni, jekk dawk l-istandards jiżguraw il-konformità mar-rekwiżit ta' sikurezza ġenerali stabbilit f'dik id-Direttiva.

(5) Permezz tad-Deċiżjoni 2005/718/KE ([2]) tagħha, il-Kummissjoni ppubblikat ir-referenzi ta' seba' standards Ewropej dwar is-sikurezza tat-tagħmir tal-ġinnastika f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(6) Is-seba' standards Ewropej dwar is-sikurezza tat-tagħmir tal-ġinnastika kkonċernat mid-Deċiżjoni 2005/718/KE mhumiex sostnuti minn mandat tal-Kummissjoni adottat skont l-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2001/95/KE.

(7) Wieħed minn dawk l-istandards, EN 913:1996, tbiddel b'verżjoni ġdida, EN 913:2008. Din il-verżjoni ġdida ġiet adottata wara d-dħul fis-seħħ tad-Direttiva 2001/95/KE u r-referenza tagħha ma tistax, għaldaqstant, tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* fin-nuqqas ta' mandat tal-Kummissjoni, inklużi r-rekwiżiti speċifiċi ta' sikurezza.

(8) Sabiex tiġi evalwata l-konformità tal-verżjoni ġdida u ta' kull verżjoni sussegwenti tal-istandards Ewropej għat-tagħmir tal-ġinnastika mar-rekwiżit ta' sikurezza ġenerali tad-Direttiva 2001/95/KE, jinħtieġ li tiġi stabbilita mill-ġdid il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 4 ta' dik id-Direttiva.

(9) Għaldaqstant, il-Kummissjoni għandha tiddetermina r-rekwiżiti speċifiċi ta' sikurezza għat-tagħmir tal-ġinnastika bl-għan li jingħata mandat lill-korpi ta' standardizzazzjoni Ewropej biex jiżviluppaw standards Ewropej rilevanti għat-tagħmir tal-ġinnastika fuq il-bażi ta' dawk ir-rekwiżiti.

(10) Ladarba l-istandards rilevanti jkunu disponibbli, u sakemm il-Kummissjoni tiddeċiedi li tippubblika r-referenzi tagħhom f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2001/95/KE, it-tagħmir tal-ġinnastika għandu jitqies li jikkonforma mar-rekwiżiti ta' sikurezza ġenerali ta' dik id-Direttiva, safejn ir-rekwiżiti ta' sikurezza koperti mill-istandards huma kkonċernati.

(11) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat imwaqqaf skont l-Artikolu 15 tad-Direttiva 2001/95/KE,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni "*Tagħmir tal-ġinnastika*" jfisser tagħmir użat għal għanijiet ta' taħriġ, eżerċizzju jew kompetizzjoni, li jinvolvu eżerċizzju individwali u fi gruppi. Dan it-tagħmir jew jitqiegħed fl-art jew jitwaħħal mas-saqaf jew mal-ħajt jew ma' struttura fissa oħra. Dan jista' jitwaħħal b'mod permanenti jew ikun jista' jiġi mċaqlaq u modifikat biex jintuża.

([1]) ĠU L 11, 15.1.2002, p. 4.
([2]) ĠU L 271, 15.10.2005, p. 51.

*Artikolu 2*

Ir-rekwiżiti speċifiċi ta' sikurezza għall-prodotti msemmija fl-Artikolu 1 li għandhom jintlaħqu mill-istandards Ewropej skont l-Artikolu 4 tad-Direttiva 2001/95/KE għandhom jiġu stipulati fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Lulju 2011.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

*ANNESS*

## REKWIŻITI SPEĊIFIĊI TA' SIKUREZZA GĦAL TAGĦMIR TAL-ĠINNASTIKA

### Parti I

*Prodott u definizzjoni tal-prodott*

It-tagħmir tal-ġinnastika kopert b'dan il-mandat huwa tagħmir użat għal għanijiet ta' taħriġ, eżerċizzju jew kompetizzjoni, li jinvolvu eżerċizzju individwali u fi gruppi. Dan it-tagħmir jew jitqiegħed fl-art jew jitwaħħal mas-saqaf jew mal-ħajt jew ma' struttura fissa oħra. Dan jista' jitwaħħal b'mod permanenti jew ikun jista' jiġi mċaqlaq u modifikat biex jintuża.

Għal xi tagħmir speċifiku tal-ġinnastika, ir-rekwiżiti ġenerali huma kkumplimentati minn rekwiżiti ta' sikurezza addizzjonali.

### Parti II

A. *Rekwiżiti ta' sikurezza ġenerali*

Dawn il-prodotti għandhom jikkonformaw mar-rekwiżit ta' sikurezza ġenerali msemmija fid-Direttiva 2001/95/KE u għandhom ikunu "sikuri" skont it-tifsira tal-Artikolu 2(b) tagħha. B'mod partikolari, il-prodott għandu jkun sikur f'kundizzjonijiet ta' użu prevedibbli normali u raġonevoli, inklużi l-ħżin, it-trasport sikur għall-ispazju fejn jinħażen, l-installazzjoni u l-manutenzjoni, iż-żarmar, u matul iż-żmien kollu li fih jintuża. Il-prodott għandu jkun sikur ukoll għal utenti professjonali (eż. trejners, għalliema).

F'kundizzjonijiet ta' użu prevedibbli normali u raġonevoli tat-tagħmir tal-ġinnastika, ir-riskju ta' feriment jew ħsara għas-saħħa u s-sikurezza għandu jiġi minimizzat. L-ebda parti li hija aċċessibbli għall-utent waqt użu normali jew maħsub ma għandha tikkawża ħsara fiżika jew taffettwa s-saħħa tal-utent.

L-użu prevedibbli komuni ta' dawn il-prodotti huwa li jħarrġu lit-tfal (eż. fl-iskola, fi klabbs tal-isport) li ġeneralment ikollhom perċezzjoni ta' riskju aktar baxxa minn dik tal-adulti. Fejn il-perikli ma jistgħux jiġu minimizzati biżżejjed mid-disinn jew mis-salvagwardji, ir-riskju residwu għandu jiġi trattat permezz ta' tagħrif marbut mal-prodott indirizzat lill-kontrolluri.

L-utenti għandhom jiġu mgħarrfa dwar ir-riskji u l-perikli li x'aktarx iseħħu u kif jevitawhom.

B. *Rekwiżiti speċifiċi ta' sikurezza*

Dawn li ġejjin għandhom jitqiesu, bħala minimu, fl-applikazzjoni tar-rekwiżiti ta' sikurezza ġenerali msemmija fid-Direttiva 2001/95/KE,

(a) Irfinitura tal-wiċċ.

(b) Xquq u ponot b'periklu ta' feriment minn qtugħ/tgħaffiġ/qris.

(c) Waqgħa mhux intenzjonata.

(d) Waqgħa mill-għoli.

(e) Stabbiltà u saħħa.

(f) Apparati ta' aġġustament.

(g) reżistenza għall-impatt tal-materjal ikkuttunat ta' fuq.

(h) Immarkar. B'mod aktar speċifiku, it-tagħmir kollu tal-ġinnastika għandu jkollu fuqu t-tagħrif li ġej:

   1. in-numru tal-Istandard Ewropew rilevanti;
   2. l-isem, il-marka kummerċjali jew mezz ieħor ta' identifikazzjoni tal-manifattur, tal-bejjiegħ bl-imnut jew tal-importatur;
   3. is-sena tal-produzzjoni;
   4. in-numru massimu ta' utenti li jistgħu jużaw it-tagħmir f'daqqa u li għalihom hu maħsub it-tagħmir;
   5. istruzzjonijiet għall-użu.

(i) Qbid u strangulament.

(j) Kolliżjoni.

(k) Durabbiltà.

(l) Xokkijiet tal-elettriku.

Barra minn hekk, jitqiesu wkoll ir-riskji li ġejjin: a)

(a) riskji li jirriżultaw minn nuqqas ta' kapaċità għall-irfigħ tat-tagħbija tat-tagħmir, filwaqt li jitqiesu s-saħħa, ir-riġidità u l-elastiċità tal-materjali użati;

(b) riskji li jirriżultaw minn telf ta' stabbiltà tat-tagħmir, filwaqt li jitqies is-sostenn tat-tagħmir u l-art, kif ukoll il-possibbiltà ta' tagħbija fuq it-tagħmir;

(c) riskji li jirriżultaw mill-użu tal-enerġija tal-elettriku u miċ-ċirkwiti operattivi;

(d) riskji li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-enerġija mekkanika jew tal-ilma;

(e) riskji li jirriżultaw mill-użu tat-tagħmir, inklużi waqgħat, qtugħ, qbid, fgar, kolliżjonijiet u piż żejjed tal-ġisem;

(f) riskji li jirriżultaw mill-aċċessibbiltà tat-tagħmir, inkluża l-aċċessibbiltà f'każ ta' difetti u sitwazzjonijiet ta' emerġenza;

(g) riskji li jirriżultaw mill-possibbiltà ta' kuntatti mat-tagħmir u dawk li jinzertaw fil-qrib (eż. il-pubbliku);

(h) riskji li jirriżultaw minn nuqqas ta' manutenzjoni;

(i) riskji li jirriżultaw minn immuntar, żarmar u mmaniġġjar tat-tagħmir;

(j) riskji li jirriżultaw minn esponiment għal sustanzi kimiċi.

It-testijiet li ġejjin għandhom jitqiesu, bħala minimu, fl-applikazzjoni tar-rekwiżiti ta' sikurezza ġenerali msemmija fid-Direttiva 2001/95/KE:

(a) Determinazzjoni tar-riskju ta' qbid;

(b) Tagħbija mekkanika biex jiġu ddeterminati l-istabbiltà u s-saħħa;

(c) Determinazzjoni tar-reżistenza tal-materjal ikkuttunat;

(d) Rapport tat-testijiet.

C. *Eżempji ta' tagħmir tal-ġinnastika*

Fl-applikazzjoni tar-rekwiżiti ta' sikurezza ġenerali msemmija fid-Direttiva 2001/95/KE, il-lista li ġejja, li mhijiex waħda eżawrjenti, tagħti eżempji tat-tipi differenti ta' tagħmir tal-ġinnastika:

(a) Vireg paralleli u taħlita ta' vireg asimmetriċi/paralleli;

(b) Vireg asimmetriċi;

(c) Kaxex għall-qbiż;

(d) Żiemel tal-qbiż għall-ġinnastika;

(e) Vireg orizzontali;

(f) Vireg tal-ħajt, slielem bil-kannizzati u strutturi għat-tixbit;

(g) Vireg għall-ibbilanċjar;

(h) Ċrieki mdendlin;

(i) Trampolini;

(j) Imwejjed għall-qbiż.

# DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

## tat-28 ta' Lulju 2011

## dwar il-lista ta' dejta statistika li tikkonċerna l-istruttura u r-rati ta' dazju tas-sisa applikati fuq it-tabakk manifatturat li għandha tiġi pprovduta mill-Istati Membri skont id-Direttivi tal-Kunsill 92/79/KEE u 92/80/KEE

*(notifikata bid-dokument numru C(2011) 5291)*

(2011/480/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 92/79/KEE tad-19 ta' Ottubru 1992 dwar l-approssimazzjoni tat-taxxi fuq is-sigaretti ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 4(3) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 92/80/KEE tad-19 ta' Ottubru 1992 dwar it-tqarrib tat-taxxi fuq it-tabakk fabbrikat li mhux sigaretti ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 4(3) tagħha,

Billi:

(1) id-Direttivi 92/79/KEE u 92/80/KEE jirrekjedu li kull 4 snin il-Kummissjoni tressaq rapport lill-Kunsill dwar ir-rati u l-istruttura tad-dazju tas-sisa ta' tabakk manifatturat, b'kunsiderazzjoni tal-iffunzjonar xieraq tas-suq intern, il-valur reali tar-rati tad-dazju tas-sisa u l-għanijiet aktar ġenerali tat-Trattat.

(2) B'mod partikolari, ir-rapport għandu jissejjes fuq l-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri dwar it-tabakk manifatturat kollu li jitpoġġa għad-dispożizzjoni tal-konsumatur matul is-sena kalendarja preċedenti.

(3) Sabiex jiġi żgurat li l-informazzjoni meħtieġa għar-rapport imsemmi fl-Artikolu 4(1) tad-Direttivi 92/79/KEE u 92/80/KEE tkun suffiċjenti u tingħata fil-ħin, u biex ikun jista' jsir segwitu iktar dinamiku tal-iżviluppi, l-Istati Membri għandhom jipprovdu d-dejta statistika lill-Kummissjoni fuq bażi annwali. Din id-dejta tista' tiddependi fuq id-dejta li tinġabar mill-Istati Membri għall-kalkolu tal-prezz medju ppeżat tal-bejgħ bl-imnut.

(4) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont il-fehma tal-Kumitat dwar id-Dazju tas-Sisa,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Għall-finijiet tal-Artikolu 4(3) tad-Direttivi 92/79/KEE u 92/80/KEE rispettivament, l-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni bid-dejta statistika annwali stabbilita fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Id-dejta statistika għandha tinkludi t-tabakk manifatturat kollu li jitpoġġa għad-dispożizzjoni tal-konsumatur matul is-sena kalendarja preċedenti.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Lulju 2011.

*Għall-Kummissjoni*

Algirdas ŠEMETA

*Membru tal-Kummissjoni*

([1]) ĠU L 316, 31.10.1992, p. 8.

([2]) ĠU L 316, 31.10.1992, p. 10.

*ANNESS*

**Dejta statistika dwar l-istruttura u r-rati tad-dazju tas-sisa applikati fuq it-tabakk manifatturat li għandha tiġi pprovduta mill-Istati Membri**

A. SIGARETTI

| | Prezz medju ppeżat tal-bejgħ bl-imnut (WAP [1]) | | Dazju tas-sisa speċifiku għal kull 1 000 sigarett | | Dazju tas-sisa *ad valorem* bħala perċentwal tat-TIRSP [2] | Dazju tas-sisa globali (dazju speċifiku u/jew dazju *ad valorem* eskluż il-VAT) bħala perċentwal tal-WAP |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Sena/perjodu | Valuta Nazzjonali | Ewropa | Valuta Nazzjonali | Ewropa | % | % |
| | | | | | | |
| | | | | | | |
| | | | | | | |

[1] Il-Prezz Medju Ppeżat tal-Bejgħ bl-Imnut.
[2] Il-prezz tal-bejgħ bl-imnut bit-taxxa inkluża.

**Kwantitajiet disponibbli għall-konsum u d-dazji tas-sisa totali miġbura għal kull 1 000 sigarett skont il-kategorija tal-prezz**

| Kategorija tal-prezz | Kwantità totali (f'eluf) *Referenza għas-sena kalendarja preċedenti* | Ammont ta' dazju tas-sisa miġbur (f'eluf ta' EUR) *Referenza għas-sena kalendarja preċedenti* |
|---|---|---|
| Kategorija tal-prezz nru 1 | | |
| Kategorija tal-prezz nru 2 | | |
| Kategorija tal-prezz nru 3 | | |
| *Żid il-kategoriji tal-prezz l-oħrajn kif xieraq* | | |

B. TABAKK IMQATTA' FIN

| | Prezz medju ppeżat tal-bejgħ bl-imnut (WAP) | | Dazju tas-sisa speċifiku għal kull kilogramma | | Dazju tas-sisa *ad valorem* bħala perċentwal tat-TIRSP | Dazju tas-sisa globali (dazju speċifiku u/jew dazju *ad valorem* eskluż il-VAT) bħala perċentwal tal-WAP, jew għal kull kilogramma f'EUR |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Sena/perjodu | Valuta Nazzjonali | Ewropa | Valuta Nazzjonali | Ewropa | % | % jew EUR |
| | | | | | | |
| | | | | | | |
| | | | | | | |

**Kwantitajiet f'tunnellati ta' tabakk imqatta' fin disponibbli għall-konsum u l-ammont totali ta' dazju tas-sisa miġbur għal kull kategorija ta' prezz**

| Kategorija tal-prezz | Kwantità totali (f'tunnellati) (1) (2) *Referenza għas-sena kalendarja preċedenti* | Ammont totali ta' dazju tas-sisa miġbur f'eluf ta' EUR *Referenza għas-sena kalendarja preċedenti* |
|---|---|---|
| Kategorija tal-prezz nru 1 | | |
| Kategorija tal-prezz nru 2 | | |

| Kategorija tal-prezz | Kwantità totali (f'tunnellati) (1) (2)<br>*Referenza għas-sena kalendarja preċedenti* | Ammont totali ta' dazju tas-sisa miġbur f'eluf ta' EUR<br>*Referenza għas-sena kalendarja preċedenti* |
|---|---|---|
| Kategorija tal-prezz nru 3 | | |
| *Żid il-kategoriji tal-prezz l-oħrajn kif xieraq* | | |

*Noti:*

1. Dawk l-Istati Membri li japplikaw rata tat-taxxa purament speċifika fuq it-tabakk imqatta' fin għandhom jimlew biss il-kwantità totali, f'tunnellati, fit-tieni kolonna u d-dazju tas-sisa totali, f'eluf ta' EUR, fit-tielet kolonna.
2. Dawk l-Istati Membri li ma jistgħux jisseperaw iċ-ċifri bejn it-tabakk imqatta' fin u tabakk ieħor għat-tipjip, minħabba li r-rata tad-dazju tas-sisa fuq iż-żewġ prodotti hija l-istess, għandhom jimlew l-ammonti totali rilevanti filwaqt li jsemmu li ċ-ċifra tinkludi dejta għaż-żewġ prodotti (jiġifieri billi jinkludu nota f'qiegħ il-paġna).

C. SIGARRI U SIGARRI ŻGĦAR

| | Dazju tas-sisa speċifiku għal kull 1 000 biċċa jew għal kull kilogramma | | Dazju tas-sisa *ad valorem* bħala perċentwal tat-TIRSP | Kwantitajiet disponibbli għall-konsum għal kull 1 000 biċċa jew kilogramma | Ammont ta' dazju tas-sisa miġbur f'eluf ta' EUR |
|---|---|---|---|---|---|
| Sena/perjodu | Valuta Nazzjonali | Ewropa | % | | 1 000 EUR |
| Sigarri u sigarri żgħar | | | | | |
| | | | | | |
| | | | | | |

D. TABAKK IEĦOR GĦAT-TIPJIP

| | Dazju tas-sisa speċifiku għal kull kilogramma | | Dazju tas-sisa *ad valorem* bħala perċentwal tat-TIRSP | Kwantitajiet disponibbli għall-konsum f'tunnellati | Ammont ta' dazju tas-sisa miġbur f'eluf ta' EUR |
|---|---|---|---|---|---|
| Sena/perjodu | Valuta Nazzjonali | Ewropa | % | | 1 000 EUR |
| | | | | | |
| | | | | | |
| | | | | | |

# DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

## tat-28 ta' Lulju 2011

## li teżenta l-esplorazzjoni għaż-żejt u għall-gass u l-isfruttament taż-żejt fid-Danimarka, ħlief għall-Groenlandja u għall-Gżejjer Faeroe, mill-applikazzjoni tad-Direttiva 2004/17/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tikkoordina l-proċeduri ta' akkwisti ta' entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali

*(notifikata bid-dokument numru C(2011) 5312)*

**(It-test bid-Daniż biss huwa awtentiku)**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2011/481/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2004/17/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li tikkoordina l-proċeduri ta' akkwisti ta' entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali [1], u b'mod partikulari l-Artikolu 30(4) u (6) tagħha,

Wara li kkunsidrat it-talba mressqa mir-Renju tad-Danimarka permezz tal-posta elettronika fis-26 ta' Mejju 2011,

Billi:

### I. IL-FATTI

(1) Fis-26 ta' Mejju 2011, il-Kummissjoni rċeviet talba mingħand id-Danimarka skont l-Artikolu 30(4) tad-Direttiva 2004/17/KE, li ġiet trażmessa lill-Kummissjoni permezz tal-posta elettronika.

(2) It-talba mressqa mir-Renju tad-Danimarka għandha x'taqsam mal-esplorazzjoni għaż-żejt u għall-gass u mal-isfruttament taż-żejt fid-Danimarka, minbarra l-Groenlandja u l-Gżejjer Faeroe. Skont id-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni dwar l-Amalgamazzjonijiet li ttieħdu qabel [2], f'din it-talba ġew deskritti żewġ attivitajiet, jiġifieri:

(a) l-esplorazzjoni għaż-żejt u għall-gass naturali, u

(b) il-produzzjoni taż-żejt.

Skont id-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni li ssemmew hawn fuq, għall-għanijiet ta' din id-Deċiżjoni, il-kelma "produzzjoni" se titqies li tinkludi wkoll "l-iżvilupp", jiġifieri t-twaqqif ta' infrastruttura xierqa għall-produzzjoni tal-ġejjieni (pjattaformi taż-żejt, pajpijiet, terminals, eċċ.). Barra minn hekk, prattika stabbilita tal-Kummissjoni sabet ukoll li "l-iżvilupp, il-produzzjoni u l-bejgħ taż-żejt mhux raffinat" jikkostitwixxi "suq wieħed rilevanti ta' prodott" [3]. Għalhekk, għall-għanijiet ta' din id-Deċiżjoni, il-kelma "il-produzzjoni" se titqies li tinkludi kemm "l-iżvilupp" kif ukoll (l-ewwel) bejgħ taż-żejt.

(3) 29 kumpanija qed jieħdu sehem, bħala detenturi ta' liċenzja jew bħala operaturi, fil-konċessjonijiet Daniżi taż-żejt u/jew tal-gass, u tliet operaturi huma responsabbli għall-produzzjoni attwali taż-żejt u tal-gass. Dawn huma l-kumpaniji Mærsk Olie og Gas A/S (fil-qosor imsejħa "Mærsk", li topera 15-il sit fejn jinsab iż-żejt), DONG E&P A/S (fil-qosor imsejħa "Dong", li topera tliet siti) u Hess Denmark ApS (fil-qosor imsejħa "Hess", li topera sit wieħed) [4]. Barra minn hekk, bħala operaturi, il-kumpaniji Wintershall Nordzee B.V. u Altinex Oil Denmark A/S (NORECO) sabu ż-żejt f'siti li mhumiex żviluppati u li dal-ħin ma jipproduċux iż-żejt. Sabiex jinqasam ir-riskju, il-ġestjoni normali tal-attivitajiet tal-esplorazzjoni u l-isfruttament issir permezz ta' ftehimiet ta' impriżi konġunti, li fihom parti waħda titqabbad bħala "l-operatur" u l-partijiet l-oħra fl-impriża konġunta jiksbu sehem pro rata għal kwalunkwe żejt u gass prodott mill-konsorzju. Il-parteċipanti li ma jkunux operaturi għandhom kontroll sħiħ dwar fejn isir il-bejgħ, meta dan isir u lil min isir, u għalhekk huma sħab u kompetituri tal-operaturi fl-istess ħin.

(4) It-talba qed tintbagħat mill-Awtorità Daniża għall-Kompetizzjoni u għall-Konsumaturi, imsejħa "Konkurrence- og Forbrugerstyrelsen", li qiegħda, għalhekk, tapprovaha.

### II. IL-QAFAS LEGALI

(5) L-Artikolu 30 tad-Direttiva 2004/17/KE jipprovdi li l-kuntratti maħsuba biex jippermettu t-twettiq ta' waħda mill-attivitajiet li għalihom tapplika d-Direttiva 2004/17/KE m'għandhomx ikunu suġġetti għal dik id-Direttiva jekk, fl-Istat Membru fejn titwettaq, l-attività hija direttament esposta għall-kompetizzjoni fis-swieq li għalihom l-aċċess mhuwiex ristrett. L-esponiment dirett għall-kompetizzjoni huwa vvalutat abbażi ta' kriterji

(1) ĠU L 134, 30.4.2004, p. 1.

(2) Ara b'mod partikulari d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/284/KE tad-29 ta' Settembru 1999 li tiddikjara konċentrazzjoni bħala kompatibbli mas-suq komuni u mal-Ftehim taż-ŻEE (il-Każ Nru IV/M.1383 — Exxon/Mobil) [*titlu mhux uffiċjali*] u d-deċiżjonijiet sussegwenti, fosthom id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' Mejju 2007 li tiddikjara konċentrazzjoni bħala kompatibbli mas-suq komuni (il-Każ Nru COMP/M.4545 STATOIL/HYDRO) skont ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 139/2004.

(3) Ara, fost l-oħrajn, il-punt 14 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tad-29 ta' Settembru 1999 li tiddikjara konċentrazzjoni bħala kompatibbli mas-suq komuni u mal-Ftehim taż-ŻEE (il-Każ Nru IV/M.1532. BP Amoco/Arco) [*titlu mhux uffiċjali*], (ĠU L 18, 19.1.2001, p. 1).

(4) Is-siti msemmija huma dawk li jipproduċu ż-żejt.

oġġettivi, li jqisu l-karatteristiċi speċifiċi tas-settur ikkonċernat. L-aċċess jitqies li mhuwiex ristrett jekk l-Istat Membru jkun implimenta u applika l-leġiżlazzjoni rilevanti tal-UE li tiftaħ settur partikulari jew parti minnu.

(6) Ġaladarba d-Danimarka implimentat u applikat id-Direttiva 94/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 1994 dwar il-kundizzjonijiet għall-għoti u l-użu ta' awtorizzazzjonijiet għall-prospettar, esplorazzjoni u produzzjoni ta' idrokarburi ([5]), l-aċċess għas-suq m'għandux jitqies li huwa ristrett skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 30(3) tad-Direttiva 2004/17/KE. L-esponiment dirett għall-kompetizzjoni f'suq partikulari għandu jiġi evalwat abbażi ta' diversi kriterji, li l-ebda wieħed minnhom m'hu deċiżiv bil-fors.

(7) Biex jiġi vvalutat jekk l-operaturi rilevanti humiex suġġetti għall-kompetizzjoni diretta fis-swieq ikkonċernati minn din id-Deċiżjoni, għandhom jitqiesu s-sehem tas-suq tal-atturi ewlenin u l-livell tal-konċentrazzjoni ta' dawk is-swieq. Minħabba li l-kundizzjonijiet ivarjaw għall-attivitajiet differenti li huma kkonċernati minn din id-Deċiżjoni, għandha titwettaq valutazzjoni separata għal kull suq/attività differenti.

(8) Din id-Deċiżjoni hija mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tar-regoli dwar il-kompetizzjoni.

III. **IL-VALUTAZZJONI**

(9) Kull waħda miż-żewġ attivitajiet li huma s-suġġett ta' din it-talba (l-esplorazzjoni għaż-żejt u għall-gass naturali u l-produzzjoni taż-żejt) tqieset bħala attività li tikkostitwixxi suq separat tal-prodotti fid-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni li ttieħdu qabel, li huma msemmija fil-Premessa 2 t'hawn fuq. Għalhekk, dawn iż-żewġ attivitajiet għandhom jiġu eżaminati b'mod separat.

**L-esplorazzjoni għaż-żejt u għall-gass naturali**

(10) Skont il-prattika stabbilita tal-Kummissjoni ([6]), l-esplorazzjoni għaż-żejt u għall-gass naturali tikkostitwixxi suq wieħed rilevanti tal-prodotti, minħabba li mhuwiex possibbli li jkun deċiż mill-bidu nett jekk l-esplorazzjoni hijiex se twassal għas-sejbien taż-żejt jew tal-gass naturali. Barra minn hekk, permezz tal-istess prattika tal-Kummissjoni li ilha stabbilita għal żmien twil, ġie stabbilit li l-ambitu ġeografiku ta' dak is-suq huwa mifrux mad-dinja kollha. Minħabba li m'hemm l-ebda indikazzjoni li d-definizzjoni għandha tkun differenti f'dan il-każ, għall-għanijiet ta' din id-Deċiżjoni se tinżamm l-istess waħda.

(11) L-ishma tas-suq tal-operaturi li huma attivi fl-esplorazzjoni jistgħu jitkejlu b'referenza għal tliet fatturi varjabbli: in-nefqa kapitali, ir-riżervi ppruvati u l-produzzjoni prevista. L-użu tan-nefqa kapitali biex jitkejlu l-ishma tas-suq tal-operaturi fis-suq tal-esplorazzjoni nstab li mhuwiex fattur xieraq, fost l-oħrajn minħabba d-differenzi kbar fil-livelli tal-investimenti meħtieġa f'żoni ġeografiċi differenti. Għalhekk, hemm bżonn ta' investimenti ikbar sabiex issir l-esplorazzjoni għaż-żejt u għall-gass fil-Baħar tat-Tramuntana milli biex issir l-esplorazzjoni, pereżempju, fil-Lvant Nofsani.

(12) Tipikament ġew applikati żewġ parametri oħra sabiex jiġu vvalutati l-ishma tas-suq tal-operaturi ekonomiċi f'dan is-settur, jiġifieri s-sehem tagħhom fir-riżervi ppruvati u fil-produzzjoni prevista ([7]).

(13) Skont it-tagħrif disponibbli, fil-31 ta' Diċembru 2009, ir-riżervi ppruvati taż-żejt u tal-gass flimkien laħqu total li kien l-ekwivalenti ta' 385,58 biljun metru kubu standard ta' żejt (minn hawn 'il quddiem "$Sm^3$ o. e.") madwar id-dinja kollha ([8]). Fil-31 ta' Diċembru 2009, fid-Danimarka, ir-riżervi ppruvati taż-żejt u tal-gass flimkien kienu jammontaw għal ftit iktar minn 0,19 biljun $Sm^3$ o. e. ([9]), jew għal ftit iktar minn 0,05 %. Is-sehem tal-entitjiet kontraenti individwali li joperaw fid-Danimarka minn dawn ir-riżervi huwa ovvjament saħansitra anqas minn hekk. Skont it-tagħrif disponibbli, hemm korrelazzjoni diretta bejn ir-riżervi ppruvati taż-żejt u tal-gass u l-produzzjoni prevista tal-ġejjieni. Għalhekk m'hemm xejn fit-tagħrif disponibbli li jindika li s-sehem tas-suq tal-entitajiet kontraenti individwali li joperaw fid-Danimarka se jkun sostanzjalment differenti jekk jitkejjel f'termini tal-produzzjoni prevista milli f'termini tas-sehem tagħhom mir-riżervi ppruvati. Minħabba r-rabtiet bejn ir-riżervi ppruvati u l-produzzjoni reali, dawn il-fatti jistgħu jitqiesu wkoll bħala indikazzjoni tal-istat tal-kompetizzjoni fis-suq ikkonċernat hawnhekk.

(14) Is-suq tal-esplorazzjoni mhuwiex ikkonċentrat ħafna. Minbarra l-kumpaniji li huma proprjetà tal-istat, is-suq huwa kkaratterizzat mill-preżenza ta' tliet kumpaniji internazzjonali privati integrati vertikalment li jissejħu l-kumpaniji l-kbar nett (jiġifieri l-kumpaniji BP, ExxonMobil u Shell), kif ukoll minn għadd ta' kumpaniji msejħa "kbar ħafna". Dawn il-fatturi huma indikazzjoni tal-esponiment dirett għall-kompetizzjoni.

**Il-produzzjoni taż-żejt**

(15) Skont il-prattika stabbilita tal-Kummissjoni ([10]), l-iżvilupp u l-produzzjoni taż-żejt (mhux raffinat) huwa suq tal-prodotti separat li jħaddan fih id-dinja kollha. Minħabba li m'hemm l-ebda indikazzjoni li d-definizzjoni għandha tkun differenti f'dan il-każ, għall-għanijiet ta' din id-Deċiżjoni se tinżamm l-istess waħda. Skont it-tagħrif disponibbli ([11]), fl-2009 l-produzzjoni kollha ta' kuljum

([5]) ĠU L 164, 30.6.1994, p. 3 u ĠU L 79, 29.3.1996, p. 30.

([6]) Ara b'mod partikulari d-Deċiżjoni marbuta mal-kumpanija Exxon/Mobil imsemmija hawn fuq u, iktar riċenti, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Novembru 2007 li tiddikjara konċentrazzjoni bħala kompatibbli mas-suq komuni (il-Każ Nru COMP/M.4934 - KAZMUNAIGAZ/ROMPETROL) skont ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 139/2004 [*titlu mhux uffiċjali*].

([7]) Ara b'mod partikulari d-Deċiżjoni marbuta mal-kumpanija Exxon/Mobil imsemmija hawn fuq (il-paragrafi 25 u 27).

([8]) Ara l-punt 5.2.1 tal-applikazzjoni u s-sorsi kkwotati hemmhekk, b'mod partikulari d-dokument ta' Ġunju 2010 msejjaħ "BP Statistical Review of World Energy" (Analiżi statistika tal-enerġija fid-dinja magħmula mill-kumpanija BP), li huwa mehmuż magħha, li minn hawn 'il quddiem jissejjaħ "l-istatistika tal-kumpanija BP".

([9]) Jiġifieri 0,06 triljun $m^3$ gass, li huma daqs 0,0594 biljun $Sm^3$ o. e., u 0,9 elf miljun barmil żejt, li huma daqs 0,135 biljun $Sm^3$, li flimkien jammontaw għal 0,1944 biljun $Sm^3$.

([10]) Ara n-nota f' qiegħ il-paġna nru 6.

([11]) Ara l-paġna 8 tal-istatistika tal-kumpanija BP.

taż-żejt madwar id-dinja kienet ta' 79,948 miljun barmil. F'dik is-sena stess, id-Danimarka pproduċiet total ta' 0,265 miljun barmil kuljum, liema rata wasslitha biex ikollha sehem mis-suq ta' 0,33 %. Jekk inħarsu lejn is-sehem li kellhom fl-2009 l-entitajiet kontraenti individwali li joperaw fid-Danimarka, insibu s-sitwazzjoni li ġejja: bi produzzjoni dinjija ta' 381 elf barmil kuljum ([12]), il-kumpanija Mærsk għandha sehem ta' 0,5 % mill-produzzjoni dinjija taż-żejt; il-produzzjoni dinjija tal-kumpanija Dong hi ta' 23 elf barmil żejt kuljum u għalhekk din għandha sehem mis-suq ta' 0,029 % mill-produzzjoni dinjija taż-żejt; fl-aħħar nett, il-produzzjoni totali tal-kumpanija Hess hi ta' 11 575 barmil żejt kuljum u b'hekk din għandha sehem ta' 0,014 % mill-produzzjoni dinjija taż-żejt.

(16) Għall-għanijiet ta' din l-analiżi, huwa importanti li jitqies il-grad ta' konċentrazzjoni fis-suq rilevanti kollu. Fid-dawl ta' dan, il-Kummissjoni tinnota li s-suq tal-produzzjoni taż-żejt mhux raffinat huwa kkaratterizzat mill-preżenza ta' kumpaniji kbar li huma proprjetà tal-istat u ta' tliet kumpaniji internazzjonali privati integrati vertikalment (l-hekk imsejħa "l-kumpaniji l-kbar nett", jiġifieri l-kumpaniji BP, ExxonMobil u Shell, li fl-2009 kellhom sehem ta' 3,2 %, 3,0 % u 2 % rispettivament mill-produzzjoni taż-żejt), kif ukoll minn għadd ta' kumpaniji msejħa "kbar ħafna" ([13]). Dawn il-fatturi jissuġġerixxu li s-suq jinkludi għadd ta' kumpaniji li bejniethom nistgħu nassumu li hemm kompetizzjoni effettiva.

## IV. **KONKLUŻJONIJIET**

(17) Minħabba l-fatturi eżaminati fil-premessi (5) sa (16), il-kundizzjoni ta' esponiment dirett għall-kompetizzjoni stabbilita fl-Artikolu 30(1) tad-Direttiva 2004/17/KE għandha titqies li ntlaħqet fid-Danimarka, minbarra l-Groenlandja u l-Gżejjer Faeroe, fir-rigward tas-servizzi li ġejjin:

(a) l-esplorazzjoni għaż-żejt u għall-gass naturali, u

(b) il-produzzjoni taż-żejt.

(18) Ladarba l-kundizzjoni tal-aċċess għas-suq mingħajr restrizzjonijiet intlaħqet, id-Direttiva 2004/17/KE m'għandhiex tapplika meta l-entitajiet kontraenti jagħtu kuntratti maħsubin biex jippermettu li jitwettqu s-servizzi elenkati fil-punti (a) sa (b) tal-premessa (17) fid-Danimarka, ħlief għall-Groenlandja u għall-Gżejjer Faeroe, u lanqas meta jiġu organizzati kompetizzjonijiet tad-disinn għat-twettiq ta' attività bħal din f'dik iż-żona ġeografika.

(19) B'mod ġenerali, is-siti tal-esplorazzjoni jistgħu jipproduċu kemm iż-żejt kif ukoll il-gass, f'ammonti differenti. Il-produzzjoni tal-gass mhijiex suġġetta għal din it-talba ta' eżenzjoni u b'hekk id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2004/17/KE jibqgħu japplikaw għal dan is-settur. F'sitwazzjonijiet fejn sit ikun jipproduċi kemm iż-żejt kif ukoll il-gass, ta' min jiftakar li l-kuntratti tal-akkwist li jkopru diversi attivitajiet għandhom jiġu ttrattati skont l-Artikolu 9 tad-Direttiva 2004/17/KE. Dan ifisser li, meta entità kontraenti tkun involuta f'akkwist "imħallat" biex jiġi appoġġat it-twettiq tat-tnejn li huma (jiġifieri ta' attivitajiet li huma eżentati mill-applikazzjoni tad-Direttiva 2004/17/KE u ta' attivitajiet li mhumiex), għandhom jitqiesu l-attivitajiet li għalihom il-kuntratt huwa maħsub b'mod ewlieni. Fil-każ ta' akkwist imħallat bħal dan, meta l-għan prinċipali jkun li tiġi appoġġata l-produzzjoni tal-gass, għandha tapplika d-dispożizzjoni tad-Direttiva 2004/17/KE. Jekk ikun impossibbli li wieħed jiddeċiedi, b'mod oġġettiv, għal liema attività l-kuntratt ikun maħsub b'mod ewlieni, il-kuntratt għandu jingħata skont ir-regoli msemmija fil-paragrafu 2 u 3 tal-Artikolu 9 tad-Direttiva 2004/17/KE.

(20) Din id-Deċiżjoni hija bbażata fuq is-sitwazzjoni legali u fattwali minn Mejju sa Lulju tal-2011, hekk kif tidher mit-tagħrif mogħti mill-awtoritajiet Daniżi. Din tista' tiġi riveduta jekk ikun hemm xi tibdil sinifikanti fis-sitwazzjoni legali jew fattwali li jwasslu biex il-kundizzjonijiet għall-applikabbiltà tal-Artikolu 30(1) tad-Direttiva 2004/17/KE ma jibqgħux jitħarsu aktar.

(21) Il-miżuri pprovduti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Konsultattiv għall-Kuntratti Pubbliċi,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Id-Direttiva 2004/17/KE m'għandhiex tapplika għall-kuntratti mogħtija minn entitajiet kontraenti u li huma maħsubin biex jippermettu li jitwettqu s-servizzi li ġejjin fid-Danimarka, ħlief għall-Groenlandja u għall-Gżejjer Faeroe:

(a) l-esplorazzjoni għaż-żejt u għall-gass naturali, u

(b) il-produzzjoni taż-żejt.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju tad-Danimarka.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Lulju 2011.

*Għall-Kummissjoni*
Michel BARNIER
*Membru tal-Kummissjoni*

---

([12]) Li minnhom 90 elf barmil jiġi prodott kuljum fid-Danimarka.
([13]) Pereżempju l-kumpaniji Total, Chevron, ENI u Conoco, li l-ishma tagħhom tas-suq huma iżgħar minn dawk tal-kumpaniji l-kbar nett.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tat-28 ta’ Lulju 2011

## dwar il-pubblikazzjoni ta’ referenzi tal-istandard EN 15947 rigward ir-rekwiżiti essenzjali tas-sikurezza stabbiliti fid-Direttiva 2007/23/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar oġġetti pirotekniċi

*(notifikata bid-dokument numru C(2011) 5310)*

**(Test b’relevanza għaż-ŻEE)**

(2011/482/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2007/23/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta’ Mejju 2007 dwar it-tqegħid fis-suq ta’ oġġetti pirotekniċi [1],u b’mod partikolari l-Artikolu 8 tagħha,

Wara li kkunsidrat l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti stabbilit skont l-Artikolu 5 tad-Direttiva 98/34/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta’ Ġunju 1998 li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta’ informazzjoni fil-qasam tal-istandards u tar-Regolamenti Tekniċi [2],

Billi:

(1) Fl-20 ta’ Settembru 2010, l-awtoritajiet Svediżi qajmu oġġezzjoni formali fir-rigward tal-partijiet 3, 4 u 5 tal-istandard EN 15947, b’mod partikolari dawk li għandhom x’jaqsmu mar-rekwiżiti għal batteriji u kombinazzjonijiet.

(2) L-istandard EN 15947 jikkunsidra li l-batteriji u l-kombinazzjonijiet huma f’konformità mar-rekwiżiti essenzjali tas-sikurezza tad-Direttiva 2007/23/KE jekk huma inkorporati f’art ratba jew imwaħħlin ma’ arblu sabiex jibqgħu’l fuq matul il-funzjonament.

(3) Skont l-awtoritajiet Svediżi, l-istandard EN 15947 ma jissodisfax ir-rekwiżiti essenzjali tas-sikurezza stabbiliti f’punt 3 tal-Anness I tad-Direttiva 2007/23/KE. Il-batteriji u l-kombinazzjonijiet spiss huma użati fuq art iebsa, bħal art iffriżata u bankina, uċuħ tal-asfalt jew konkos. L-istandard EN 15947 ma jistipulax test għal dawk il-batteriji u kombinazzjonijiet fuq wiċċ iebes. Għaldaqstant, hemm riskju li dawk il-batteriji u kombinazzjonijiet ma jibqgħux weqfin matul il-funzjament fuq art iebsa. L-istandard EN 15947 ma jissodisfax ir-rekwiżiti essenzjali tas-sikurezza fuq l-istruzzjonijiet għall-użu stabbiliti fil-punt 3(h) tal-Anness I tad-Direttiva 2007/23/KE. Minħabba n-natura tal-logħob tan-nar, dawn spiss huma użati tard filgħaxija jew bil-lejl meta, minħabba viżibbiltà mnaqqsa, l-istruzzjonijiet huma diffiċli biex wieħed jaqrahom.

(4) Ġie indirizzat tħassib imqajjem mill-Isvezja fil-qafas tal-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni (CEN), b’bosta Stati Membri jinsistu li, fid-dawl tal-kundizzjonijiet klimatiċi tagħhom u r-regolamenti nazzjonali għall-użu tal-logħob tan-nar, batteriji u kombinazzjonijiet li huma inkorporati fl-art jew li jkunu mwaħħlin ma’ arblu għandhom jiġu inklużi fl-istandard EN 15947. B’riżultat ta’ dan, batteriji u kombinazzjonijiet li huma inkorporati fl-art jew li jeħtieġ li mwaħħlin ma’ arblu ġew inklużi f’dak l-istandard minħabba li dawn jissodisfaw rekwiżiti essenzjali tas-sikurezza stabbiliti fid-Direttiva 2007/23/KE meta akkumpanjati bl-istruzzjonijiet dwar l-użu.

(5) Il-Kummissjoni tikkunsidra li fl-Istati Membri fejn il-logħob tan-nar huwa użat primarjament fi spazji pubbliċi, ċerti batteriji u kombinazzjonijiet, minkejja li l-ittikkettjar jitlobhom li jkunu mwaħħlin ma’ arblu jew inkorporati f’art ratba, fil-prattika spiss huma mqiegħda fuq art iebsa jew uċuħ ibsin. Fi Stati Membri oħra, fejn il-logħob tan-nar jintuża primarjament fi proprjetà privata, ir-rekwiżit biex il-batteriji u l-kombinazzjonijiet ikunu inkorporati f’art ratba jew jitwaħħlu ma’ arblu żżid is-sikurezza. Għaldaqstant, sabiex wieħed jipproteġi lill-utenti u persuni fil-qrib minn feriti, huwa meħtieġ li jiġu riveduti l-partijiet rilevanti tal-istandard EN 15947 sabiex jintroduċi tipi differenti ta’ batteriji u kombinazzjonijiet u jikkunsidra d-distinzjonijiet bejniethom. Għandha ssir distinzjoni bejn batteriji u kombinazzjonijiet li huma maħsuba u adattati biex jitqiegħdu fuq wiċċ iebes u ċatt u għandhom jiġu ttestjati f’dak il-mod, u dawk il-batteriji u kombinazzjonijiet li jeħtieġ li jkunu inkorporati f’art ratba jew marbuta ma’ arblu u ttestjati f’dak il-mod. Batteriji u kombinazzjonijiet li la huma maħsuba u adattati biex jitqiegħdu fuq art iebsa u ċatta, u lanqas inkorporati f’art ratba jew marbuta ma’ arblu ma għandhomx jiġu inklużi f’tielet tip addizzjonali.

(6) B’riżultat tal-ħtieġa biex jiġu riveduti l-partijiet 3, 4 u 5 tal-istandard EN 15947 fir-rigward ta’ batteriji u kombinazzjonijiet, għandha tiġi ppubblikata referenza għal dawk il-partijiet f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* b’avviż addizzjonali.

(7) Fis-27 ta’ Settembru 2010, l-awtoritajiet Franċiżi qajmu oġġezzjoni formali fir-rigward tal-partijiet 3, 4 u 5 tal-istandard EN 15947, li għandu x’jaqsam man-nuqqas ta’ drop test u nuqqas biex jiġu stabbiliti distanzi differenti tas-sikurezza għal operaturi u għall-pubbliku.

[1] ĠU L 154, 14.6.2007, p. 1.
[2] ĠU L 204, 21.7.1998, p. 37.

(8) Wara diskussjoni fil-qafas tas-CEN ġie deċiż biex id-drop test ma jiġix inkluż fl-istandard kif propost minn Franza. Ikkundizzjonar mekkaniku skont id-deskrizzjonijiet fl-istandard EN 15947 diġà kien jagħmel parti mis-serje preċedenti ta’ standards EN 14035 u kien stabbilit ħafna fil-passat. Dan il-metodu ta’ test ikopri r-rekwiżiti rigward is-sensittività għal immaniġġjar u trasportazzjoni previsti stabbiliti fid-Direttiva 2007/23/KE.

(9) Il-Kummissjoni tikkunsidra li t-test tal-ikkundizzjonar mekkaniku li diġà kien inkluż fl-EN 15947 ikopri b’mod suffiċjenti r-rekwiżiti dwar is-sensittività għal immaniġġjar u trasportazzjoni previsti stabbiliti fid-Direttiva 2007/23/KE.

(10) Franza esprimiet ukoll tħassib li d-distanzi ta’ sikurezza stabbiliti fil-parti 3 tal-istandard EN 15947 ma jipproteġux lill-pubbliku f’kull każ, iżda jipproteġu biss lil dak li jqabbad in-nar. Pereżempju, jekk il-prodotti huma sparati viċin bini għoli, hemm riskju ta’ dannu fuq il-parti esterna ta’ dan il-bini jew li jweġġa’ xi ħadd li jkun fil-gallariji jew terrazzini. Għaldaqstant, Franza pproponiet li tiddetermina d-distanzi ta’ sikurezza ta’ kull oġġett piroteknku billi tikkunsidra l-firxa massima vertikali tagħha.

(11) Id-diskussjonijiet tas-CEN rigward id-distanzi ta’ sikurezza wrew li kien meħtieġ li jkollhom l-istess distanza ta’ sikurezza għal kull oġġett f’ċertu kategorija. Devjazzjoni minn dan il-prinċipju involviet riskji sinifikanti, minħabba li l-utent mingħajr għarfien speċjalizzat kellu jadatta d-distanzi ta’ sikurezza qabel l-użu.

(12) Il-Kummissjoni tikkunsidra li ħafna distanzi tas-sikurezza li jvarjaw għal oġġetti pirotekniċi tal-istess kategorija, speċjalment distanzi differenti għal utenti mingħajr għarfien speċjalizzat u l-pubbliku tagħhom, se jħawdu lill-utenti. Għaldaqstant mhuwiex meħtieġ li jiġu riveduti l-partijiet 3, 4 u 5 tal-istandard EN 15947 f’dan ir-rigward, minħabba li diġà jissodisfaw ir-rekwiżiti essenzjali tas-sikurezza stabbiliti fid-Direttiva 2007/23/KE,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Ir-referenzi għall-istandard EN 15947 tal-partijiet 3, 4 u 5 għandhom jiġu ppubblikati f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 2*

1. Il-pubblikazzjoni f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* tar-referenzi tal-partijiet 3, 4 u 5 tal-istandard EN 15947 għandhom jiġu akkumpanjati mill-avviż addizzjonali li ġej:

“Sakemm jiġi rivedut dak l-istandard u ppubblikat mill-ġdid, l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw batteriji u kombinazzjonijiet li huma konformi mal-istandard EN 15947 biex ikunu f’konformità mar-rekwiżiti essenzjali tas-sikurezza stabbiliti fl-Anness I tad-Direttiva 2007/23/KE tal-Parlament u tal-Kunsill biss jekk, qabel jitqiegħdu fis-suq, huma ġew ittikkettjati b’mod ċar kif indikat hawn taħt.

Għal batteriji u kombinazzjonijiet li jitqiegħdu fuq art ċatta:

‘Poġġi l-batterija fuq art ċatta’ jew ‘Poġġi l-kombinazzjoni fuq art ċatta’.

Għal batteriji u kombinazzjonijiet li għandhom ikunu inkorporati fuq art jew materjal artab:

‘Daħħal il-batterija wieqfa f’art ratba jew materjal ieħor li ma jiħux in-nar, eż. ramel’ jew ‘Daħħal kombinazzjoni wieqfa f’art ratba jew materjal ieħor li ma jiħux in-nar, eż. ramel’.

Għal batteriji u kombinazzjonijiet li għandhom jitwaħħlu ma’ arblu:

‘Waħħal il-batterija b’mod sod u wieqaf ma’ arblu solidu’, ‘Kun żgur li n-naħa ta’ fuq tal-batterija jikxef l-arblu’ jew ‘Waħħal kombinazzjoni b’mod sod u wieqaf ma’ arblu solidu’, ‘Kun żgur li n-naħa ta’ fuq tal-kombinazzjoni jikxef l-arblu’. Il-metodu u l-mezzi għall-iffissar tal-batterija jew kombinazzjoni ma’ arblu għandhom jiġu deskritti f’biżżejjed dettall u f’terminoloġija li tista’ tinftiehem faċilment minn utenti li mhumiex professjonali li jakkumpanjaw l-istruzzjonijiet dwar l-użu.

Għal batteriji u kombinazzjonijiet oħra: [speċifika prekawzjonijiet oħra tas-sikurezza jekk mhumiex maħsuba u adattati biex jitqiegħdu fuq art ċatta, jew biex jiġu inkorporati f’art ratba jew materjal jew mwaħħla ma’ arblu].”

2. Il-pubblikazzjoni tan-numru ta’ referenza ta’ standard nazzjonali li jittrasponi l-istandard EN 15947għandha tkun akkumpanjata mill-avviż imsemmi fil-paragrafu 1.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta’ Lulju 2011.

*Għall-Kummissjoni*

Antonio TAJANI

*Viċi-President*

## PREZZ TAL-ABBONAMENT 2011 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | Eur 1 100 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, stampati + DVD annwali | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | Eur 1 200 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | Eur 770 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, DVD fix-xahar (kumulattiva) | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | Eur 400 fis-sena |
| Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, DVD, edizzjoni fil-ġimgħa | multilingwi:<br>23 lingwa uffiċjali tal-UE | Eur 300 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C – Kompetizzjonijiet | Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni | Eur 50 fis-sena |

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli f'22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Informazzjoni u Avviżi).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S – Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'DVD waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

## Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

**EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.**

**Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu**

**L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea**
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT